MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta ta' 10 ta' Ottubru, 2002

Numru 401/1999

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
vs
Noel Frendo

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Noel Frendo, iben il-mejjet Dominic u Mary nee' Catania, imwieled fil-11 ta' Dicembru, 1975 u dententur tal-karta tal-identita numru 63276M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'xi hin bejn id-disgha ta' filghaxija ta' nhar id-29 ta' Novembru 1990 u s-sitta ta' filghodu ta' nhar it-30 ta' Novembru 1990, minn hanut bl-isem ta' "Tower Bar", li jinsab sitwat gewwa St Joseph High Street, Santa Venera, ikkommetta serq ta' flus kontanti, flixken tax-xorb, sigaretti, radio casette, calculator, skieken u affarijiet ohra, ghad-detriment ta' Joseph Galea li kien joqghod Hal-Ghaxaq, u / jew ta' persuni ohra, liema oggetti u flus

ghandhom valur globali ta' aktar minn mitt lira Maltin (LM100), izda inqas minn elf lira Maltin (LM1000), u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, valur u vjolenza numerika;

Talli fl-istess granet, hin, lok u cirkustanzi, ikkommetta hsara volontarja fuq bieb ta' l-aluminuim li kien jipprovdi sokor ghall-istess hanut u fuq kaxxa tal-loghob, ghad-dannu ta' l-istess persuna u / jew ta' persuna ohra, liema hsara volontarja tammonta ghal aktar minn ghaxar liri Maltin (LM10), izda ghal inqas minn hamsin lira Maltin (LM50);

Talli fl-istess gurnata, lok, hin u cirkustanzi u fil-granet ta' wara, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom (cioe oggett jew oggetti misruqa mil-hanut bl-isem ta' "Tower Bar", sitwat gewwa St Joseph High Road, Santa Venera, liema oggett jew oggetti nsterqu f'xi hin bejn id-disgha ta' filghaxija ta' nhar id-29 ta' Novembru 1990, u s-sitta ta' filghodu ta' nhar it-30 ta' Novembru, 1990);

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 278, 330, 267, 279, 280, 270, 281, 276, 277, 334, 325(b), 17(b), 17(h), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Innutat b'dispjacir illi ghalkemm il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza fis-7 ta' Dicembru, 2001 l-imputat baqa ma ressaqx provi u ghaldaqstant il-Qorti ma kellha l-

ebda triq hlief illi thalli l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi tal-Prosekuzzjoni biss;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi fit-30 ta’ Novembru, 1990 sar sgass u serq mill-bar bl-isem Tower Bar, St Joseph High Road, Santa Venera.

Illi saret inkjesta magisterjali u gew elevati impronti digitali minn fuq gambling machine fl-imsemmi bar illi gew identifikati bhala illi jappartjenu lil Noel Frendo, l-imputat fuq imsemmi. Illi fil-lejl ta’ bejn id-29 u it-30 ta’ Novembru, 1990, qabel il-5.30a.m. l-imputat fuq imsemmi flimkien ma nies ohrajn mhux maghrufa dahlu fil-fond in kwistjoni billi sgassaw il-bieb tal-aluminium tal-istess fond u hadu b’kemm jiswew tlett lira u wiehed u tmenin lira valur ta’ oggetti, kif ukoll fi flus kontanti. Illi dan kollu irrizulta mill-konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti a fol. 14 u 15 ta’ dan il-process. Illi irrizulta wkoll illi l-persuni li dahlu fil-bar imsemmi ikkommettew hsara volontarja fil-fond a detriment ta’ sid l-imsemmi fond.

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur irrizulta illi d-derubat, Joseph Galea, sid il-bar imsemmi, kien informa lill-pulizija li mill-hanut kienet insterqet is-somma ta’ mija u hamsin lira fi flus in kontanti li kienu f’kexxun tal-flus u f’kaxxa tal-loghob li kienet tinstab fl-istess hanut. Insterqet kaxxa whiskey b’valur ta’ sitta u hamsin lira (LM65), tlett flixken Hennessy brandy, flimkien ma zewg flixken whisky Bells, erba’ flixken Vodka, erba flixken Anisetta u zewg flixken Gin, li globalment jiswew tmenin lira Maltin (LM80). Insterqu wkoll diversi pakketti tas-sigaretti fil-valur ta’ sebghin lira (LM70), stereo cassette double deck tal-ghamla International li jiswa madwar hamsa u ghoxrin lira (LM25), calculator u xi skiken.

Illi l-Ufficjal Prosekutur kompla jixhed illi gew elevati minn fuq il-kaxxa tal-loghob sgassata fil-bar in kwistjoni impronti digitali illi kienu jaqblu mas-saba tac-curkett tal-id il-lemija tal-imputat Noel Frendo.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat mhux talli ma tax informazzjoni gustifikata il-ghala kien dahal fil-hanut imsemmi, talli sostna bil-qawwa illi lanqas qatt ma waqaf hdejn dan il-hanut.

Illi meta gie konfermat illi l-impront digitali kien jaqbel perfettament ma dik ta’ seba ta’ id il-leminija tal-imputat fuq imsemmi, l-imputat rega’ gie arrestat, rega’ irrilaxxja stqarrija ohra u rega’ cahad illi qatt dahal fl-imsemmi bar, jew li kien involut b’xi mod f’din is-serqa.  Matul l-investigazzjoni tieghu l-Ufficjal Prosekutur rega’ kellem lil sid il-hanut li ikkonfermalu illi l-kaxxa tal-loghob sgassata li minn fuqha gew elevati l-impronti digitali li qablu mas-saba tal-id il-leminija tal-imputat kienet dak iz-zmien li saret is-serqa tinzamm f’kulitur li hemm mal-gemb tal-hanut wara l-koxxa tal-bieb u ghaldaqstant min mess mal-kaxxa tal-loghob seta ghamel hekk jekk huwa mexa intenzjonament lejn il-kaxxa tal-loghob u mhux biss minhabba li dahal fil-hanut biex jixtri xi soft drink.

Illi xehed f’dawn il-proceduri sid il-hanut imsemmi Joseph Galea u qal illi fis-serqa in kwistjoni kienet saritlu hsara fis-serratura tal-bieb tal-bar li kienet tammonta ghal ghoxrin lira (LM20), kienu serqulu tlett kaxxi whisky, sigaretti, flus in kontanti, mal-mitejn lira sigaretti u flus in kontanti b’kollox serqulu tlett mitt lira (LM300).  Huwa sab sgass fil-kaxxi tal-loghob u ikkalkula li kien hemm xi hamsin lira flus in kontanti fil-kaxxa tal-loghob li giet sgassata u misruqa.  Huwa xehed ukoll li kien insteraqlu video casette li dak iz-zmien kien jiswa tletin lira (LM30).  Insterqitlu wkoll sikkina u calculator.

Illi ittiehdu l-impronti digitali u tal-palmi tal-idejn tal-imputat fl-awla u l-Qorti hatret lil Joseph Bongailas sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u tal-palmi tal-idejn tal-imputat u l-impronti digitali li gew elevati mis-‘scene of crime officers’ matul l-inkjesta mill-bar imsemmi.

Illi Joseph Bongailas ipprezenta r-relazzjoni tieghu u ikkonkluda illi minn l-ezami komparattiv li sar bejn l-impronti li jidhru fil-lifter dokument 90 CBR 104 u d-

Dokument AC1, l-formola tal-impronti digitali ta' Noel Frendo, l-imputat fuq imsemmi, irrizulta li dawn l-impronti jaqblu mas-seba tac-curkett u mas-seba z-zghir tal-id il-leminija tal-imputat fuq imsemmi rispettivament.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat ma offra l-ebda spjegazzjoni dwar l-impronti digitali illi instabu fil-bar in kwistjoni meta sehhet is-serqa, anzi huwa cahad kategorikament li qatt dahal f'dak il-bar, ghaldaqstant il-verzjoni illi huwa ta lill-pulizija mhijiex wahda kredibbli.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi l-imputat fil-hin, lok u cirkostanzi kif imsemmija fl-imputazzjoni ghandu jinstab hati talli ikkommetta serq ta' flus in kontanti, flixken tax-xorb, sigaretti, radio cassettes, calculators, skieken u affarijiet ohra a detriment ta' Joseph Galea, liema oggetti u flus ghandhom valur globali ta' aktar minn mitt lira, izda anqas minn elf lira u liema serq huwa aggravat bil-mezz hin u valur.  Izda dwar il-vjolenza numerika il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi minn dan l-aggravju, stante li dan l-aggravju ma gie bl-ebda mod ippruvat mill-Prosekuzzjoni.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni l-imputat ghandu wkoll jinstab hati taghha, u cioe' ghandu jinsab hati li ikkommetta hsara volontarja fuq bieb tal-aluminium li kien jipprovdi sokor ghall-istess hanut u fuq kaxxa tal-loghob ghad-dannu tas-sid, liema hsara volontarja tammonta ghal aktar minn ghaxar liri, izda anqas minn hamsin lira Maltin.  L-imputat ghandu pero' jigi liberat mit-tielet imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, stante illi la darba irrizulta r-reat ta' serq, dan ir-reat jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni.

Ghalhekk wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' Ottubru, 2001 u l-Artikolu 325 (c) tal-Kap. 9 tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, hlief illi huwa ghandu jigi liberat mill-aggravju ta' serq bi vjolenza numerika, kif ukoll hati tat-tieni

imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat tressaq il-Qorti disa’ snin wara illi gie kommess dan ir-reat u ghalhekk dan il-hela kollu ta’ zmien da parti tal-Prosekuzzjoni ser jigi ikkunsidrat mill-Qorti ghall-finijiet ta’ piena. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-finijiet ta’ piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux fedina penali allarmenti ferm, pero’ jinhtieg illi l-imputat jinzamm taht kontroll sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, filwaqt illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghall-prigunerija ta’ sentejn, tordna li din il-piena ma ghandhiex tigi fis-sehh sa kemm fi zmien erba’ snin mil-lum l-imputat ma jikkommettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Il-Qorti qeghda taghmel dan bit-tama illi l-imputat fuq imsemmi jitghallem il-lezzjoni tieghu, ikollu x-xabla fuq ghonqu, u ma jibqax sejjer fil-hajja tal-kriminalita, izda jkollu l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur